



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 21 ta' Settembru 2022
(OR. en)**

2022/0035 (COD)

PE-CONS 34/22

**PECHE 233
CODEC 1016**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 li jstabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regulatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral**

REGOLAMENT (UE) 2022/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833
li jistabilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw
fiż-Żona Regulatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 290, 29.7.2022, p. 149.

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2022 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ ġie addottat sabiex jimplimenta fil-liġi tal-Unjoni l-iktar regoli aġġornati għall-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO). Sussegwentement, dak ir-Regolament ġie emendat permezz tar-Regolament (UE) 2021/1231 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², sabiex, fil-liġi tal-Unjoni, jiġu implimentati l-miżuri tan-NAFO adottati waqt il-laqgħat annwali tagħha fl-2019 u l-2020.
- (2) Sussegwentement, fl-43 laqgħa annwali tagħha ta' Settembru 2021, in-NAFO addottat għadd ta' deċiżjonijiet legalment vinkolanti għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taħt ir-responsabbiltà tagħha fir-rigward taż-żamma tal-qabdiet għall-kwota "Oħrajn", tal-ispezzjoni fil-port tal-ħatt l-art tal-bakkaljaw fid-Diviżjoni 3M u tal-ħalibatt ta' Greenland, u tad-dispożizzjonijiet imsaħħa dwar il-monitoraġġ, il-ksur u l-infurzar. ('id-deċiżjonijiet tan-NAFO').

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral, li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1627 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2115/2005 u (KE) Nru 1386/2007 (ĠU L 141, 28.5.2019, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) 2021/1231 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 274, 30.7.2021, p. 32).

- (3) Id-deċiżjonijiet tan-NAFO huma indirizzati lill-Partijiet Kontraenti tan-NAFO, iżda jinkludu wkoll obbligi għall-operaturi. Wara li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar (CEMs) tan-NAFO daħlu fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru 2021, dawn bdew jorbtu lill-Partijiet Kontraenti kollha tan-NAFO. Għalhekk, dawn iridu jiddaħħlu fil-liġi tal-Unjoni sakemm mhumiex diġà previsti mil-liġi tal-Unjoni.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/833 jiġi adattat sabiex japplika dawk is-CEMs il-ġodda għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni.

- (5) Ċerti dispożizzjonijiet tas-CEMs x'aktarx jiġu emendati waqt il-laqgħat annwali tan-NAFO li ġejjin wara li ddaħħlu miżuri tekniċi ġodda b'rabta mat-tibdil fil-bijomassa tal-istokk u minħabba li jiġu riveduti r-restrizzjonijiet fuq iż-żoni fejn jistgħu jsiru l-attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ. Għalhekk, sabiex tali emendi futuri tas-CEMs jiddaħħlu malajr fil-liġi tal-Unjoni qabel jibda l-istaġun tas-sajd, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-miżuri tal-ħatt l-art u ta' ispezzjoni għall-ħalibatt ta' Greenland u tal-miżuri ta' kontroll għall-bakkaljaw fid-Diviżjoni 3M. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' thejjiġa, ukoll fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. B'mod partikulari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-thejjiġa tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-thejjiġa tal-atti delegati,
- (6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/833 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Artikolu 1
Emendi fir-Regolament (UE) 2019/833

Ir-Regolament (UE) 2019/833 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 7(3), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) fejn il-projbizzjoni fuq is-sajd (moratorja) jew fejn il-kwota “Oħrajn” miftuħa għal dak l-istokk tkun ittieħdet kompletament: 1 250 kg jew 5 %, skont liem hija l-ikbar, fir-rigward ta’ dawk il-Partijiet Kontraenti wara n-notifika tagħhom għall-użu tal-kwota “Oħrajn” f’konformità mal-Artikolu 6;”;

(2) fl-Artikolu 9a(1), il-punt (c), huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(c) kull Stat Membru għandu jispezzjona fil-portijiet tiegħu mill-inqas 50 % tal-ħatt l-art jew tat-trażbord tal-qabdiet tal-bakkaljaw mid-Diviżjoni 3M u jħejji rapport tal-ispezzjoni fil-format preskritt fl-Anness IV.C tas-CEM imsemmi fil-punt 9 tal-Anness ta’ dan ir-Regolament, u jibagħtu lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO fi żmien 12-il jum tax-xogħol mid-data meta jkun temm l-ispezzjoni, u jibgħat kopja tiegħu lill-Kummissjoni u lill-EFCA. Dak ir-rapport għandu jidentifika u jipprovdi dettalji ta’ kwalunkwe ksur ta’ dan ir-Regolament li jkun ġie nnutat waqt l-ispezzjoni fil-port. Għandu jinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli b’rabta mal-każijiet ta’ ksur li jkunu ġew innutati fuq il-baħar waqt il-vjaġġ attwali tal-bastiment tas-sajd spezzjonat.”;

(3) fl-Artikolu 10(1), il-punt (e) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“(e) kull Stat Membru għandu jispezzjona fil-portijiet tiegħu il-ħatt l-art kollu tal-ħalibatt ta' Greenland, jekk il-kwantità ta' dak l-istokk abbord tkun tirrappreżenta jew iktar minn 5 % tal-qabda totali jew iktar minn 2 500 kg, u għandu jħejji rapport tal-ispezzjoni fil-format preskritt fl-Anness IV.C tas-CEM imsemmi fil-punt 9 tal-Anness ta' dan ir-Regolament, u jibagħtu lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO fi żmien 14-il jum tax-xogħol mid-data meta jkun temm l-ispezzjoni, u jibgħat kopja tiegħu lill-Kummissjoni u lill-EFCA. Dak ir-rapport għandu jidentifika u jipprovdi dettalji ta' kwalunkwe ksur ta' dan ir-Regolament li jkun ġie nnutat waqt l-ispezzjoni fil-port. Għandu jinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli b'rabta mal-każijiet ta' ksur li jkunu ġew innutati fuq il-baħar waqt il-vjaġġ attwali tal-bastiment tas-sajd spezzjonat.”;

(4) fl-Artikolu 29, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat l-informazzjoni li ġejja lill-EFCA (u kopja tagħha lill-Kummissjoni), li għandha tiżgura li dik l-informazzjoni tintbagħat lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO:

(a) id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti li għandha taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għall-finijiet tan-notifika mill-ewwel ta' ksur fiż-Żona Regulatorja, u kwalunkwe tibdil sussegwenti għal dik l-informazzjoni, mill-inqas 15-il jum qabel ma jidħol fis-seħħ dak it-tibdil;

(b) l-ismijiet tal-ispetturi u tal-ispetturi li jkun għadhom qed jitħarrġu u isem kull pjattaforma ta' spezzjoni li huwa jkun assenja għall-Iskema, kif ukoll is-sinjali tas-sejħa bir-radju tagħha u d-dettalji ta' kuntatt għall-komunikazzjoni magħha. Huwa għandu jagħti notifika tat-tibdil fid-dettalji nnotifikati b'dan il-mod tal-inqas 60 jum minn qabel kull meta dan ikun possibbli.”;

(5) fl-Artikolu 35(1), il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(g) is-sajd b'daq tal-malja, b'għeribel jew bi gradilji distanzjati mhux awtorizzati, jew mingħajr l-użu ta' għeribel jew gradilji tal-għażla bi ksur tal-Artikolu 13 jew l-Artikolu 14;”;

(6) l-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) jiżgura li s-sanzjonijiet applikabbli fir-rigward tal-ksur, u sal-punt possibbli skont il-leġislazzjoni nazzjonali għal ksur serju ripetut, b'mod partikolari dak identifikat taħt l-Artikolu 35(3), il-punt (c) (iii) u (iv), ikunu adegwati fis-severità biex ikunu effettivi biex jiżguraw konformità, iwaqqfu milli jsir ksur ieħor jew milli jirrepeti ruħu, u jċaħħad lill-awturi tar-reati milli jgawdi l-benefiċċji li jokkorru mill-ksur.”;

(b) fil-paragrafu 2, jinżiedu l-punti li ġejjin:

“(e) rekwiżiti ta’ rappurtar miżjuda jew addizzjonali, bħal rappurtar iktar frekwenti jew data addizzjonali li għandha tiġi rrapportata; kif ukoll

(f) rekwiżiti ta’ monitoraġġ miżjuda jew addizzjonali, bħal l-użu ta’ osservatur jew ta’ spettur abbord jew l-installazzjoni ta’ monitoraġġ elettroniku mill-bogħod f’konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti għall-bastimenti tas-sajd li joperaw fiż-Żona Regulatorja.”;

(7) fl-Artikolu 40, il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“3. L-Istat Membru għandu jibgħat id-dettalji ta’ kuntatt tal-awtorità kompetenti, li ser taġixxi bħala l-punt ta’ kuntatt biex tirċievi t-talbiet skont l-Artikolu 39(5) u biex tibgħat il-konfermi skont l-Artikolu 39(6), lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO.”;

(8) fl-Artikolu 50, il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) il-proċeduri li jikkonċernaw bastimenti b' qabda totali abbord ta' aktar minn 50 tunnellata ta' piż ħaj, li jidħlu fiż-Żona Regulatorja biex jistadu għall-ħalibatt ta' Greenland fir-rigward tal-kontenut tan-notifiki previsti fl-Artikolu 10(2), fil-punti (a) u (b), tal-kondizzjonijiet għall-bidu tas-sajd previsti fl-Artikolu 10(2), il-punt (d) u tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħatt l-art u l-ispezzjonijiet għall-ħalibatt ta' Greenland previsti fl-Artikolu 10(1), il-punt (e);”;

(b) jinżdied il-punt li ġej:

“(l) miżuri ta' kontroll għall-bakkaljaw fid-Diviżjoni 3M kif previst fl-Artikolu 9a.”.

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi...

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
